MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 17/2011

**John Mifsud (ID 506756M)**
**Rita Mifsud (ID 651659M)**
**vs**
**Borg Cini & Co. Limited (C42055)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

Illi r-rikorrenti jikru lis-socjeta’ intimata l-garage ‘Mifco Garage’ Triq San Guzepp, Mosta versu l-kera ta’ €3,261 fis-sena li tithallas kull tlett xhur bil-quddiem u l-iskadenza li tmiss taghlaq fid-9 ta’ Frar, 2011.

Illi s-socjeta’ intimata naqset milli thallas il-kera tal-iskadenza tad-9 ta’ Novembru, 2010 ammontanti ghal €851.25.

Illi skont il-ftehim huwa dispost illi jekk l-inkwilin jonqos milli jhallas il-kera puntwalment wara li jghaddu hmistax-il

gurnata mid-data tal-iskadenza, l-inkwilin jitqies bhala moruz fil-hlas tal-kera u konsegwentement il-kirja tispicca awtomatikament u l-inkwilin irid jivvaka l-fond immedjatament.

Illi ghalhekk jirrikorru l-elementi tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 16(a)(1a) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan il-kaz jigi deciz bid-dispensa tas-smiegh u ghalhekk ir-rikorrenti qieghed jikkonferma illi fl-opinjoni tieghu s-socjeta' intimata m'ghandhiex difiza valida skont il-ligi u annessa ma' dan ir-rikors qieghed jipprezenta affidavit rigward il-fatti relattivi ghall-kaz.

Illi dawn ser ikunu proceduri specjali li fihom is-sentenza ghandha tinghata fl-ewwel dehra tal-kawza jekk l-intimat ikun kontumaci f'dik is-seduta jew inkella jekk jonqos milli juri f'dik is-seduta li ghandu difiza li tiswa u li l-intimat jista' jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Borg joghgbu:

1. Jiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh a' tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ixxolji l-kirja bejn il-kontendenti u konsegwentement tordna l-izgumrament tal-intimat fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilu prefiss.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh naqset milli tkun prezenti sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi wara li ezamina r-rikors guramentat u semgha bil-gurament lir-rikorrent John Mifsud jiddikjara illi ma kien ebda kambjament mill-prezentata tar-rikors sal-lum;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif ravvizati fir-rikors promutorju, jiddikjara xolta l-kirja bejn il-partijiet u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond indikat fir-rikors promutur fi zmien tletin (30) jum liema zmien s-socjeta' intimata ghandha tizgombra u thallih vakanti ghal-libera ripresa mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------